MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 175/2012

**A B**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**
**C D**
**S T u b'digriet tas-26 ta' Settembru 2012 ġie nominat bħala kuratur ad litem tal-minuri L D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-esponenti u l-konvenut C D izzewgu fl-14 t'Awissu 2004.

2. Illi sussegwentement, l-istess partijiet infirdu de facto fi Frar 2011, u sseparaw legalment b'kuntratt pubblikat min-Nutar Ritienne Bugeja Fenech fil-15 ta' Novembru 2011.

3. Illi wara li nfirdet de facto minn ma' zewgha, l-esponenti qatt ma regghet ghexet taht l-istess saqaf mieghu, u qatt ma rega' kellhom relazzjonijiet intimi bejniethom.

4. Illi ftit zmien wara li nfirdet de facto minn ma' zewgha, u qabel ma sseparat legalment minnu, l-esponenti dahlet f'relazzjoni mal-konvenut l-iehor S T, li minnha twieldet il-konvenuta L D fit-22 ta' Frar 2012.

5. Illi madankollu, kif jidher mic-certifikat tat-twelid ta' din it-tarbija, bin-numru elf mija u erbgha u sebghin tas-sena elfejn u tnax (1174/2012), l-imsemmija minuri L giet registrata bhala bint il-konvenut C D.

6. Illi kif jidher mir-rizultati xjentifici u genetici, il-minuri konvenuta L D mhijiex il-wild naturali tal-konvenut C D, imma hija bint il-konvenut l-iehor S T.

Talbet li l-intimati ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista' tirrizulta mehtiega jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-intimata L D, li twieldet mill-esponenti A B fit-22 ta' Frar 2012 fl-isptar Mater Dei, mhijiex il-wild naturali tal-konvenut C D, imma hija l-bint naturali tal-konvenut l-iehor S T;

2. konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid tal-konvenuta L D, u dan billi tordna fost ohrajn li:

(a) jigi kancellat il-kunjom *'D'* mill-kolonna intestata *'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha'*, u minfloku jitnizzel il-kunjom *'T'*;

(b) jigi kancellat l-isem *‘C D’* mill-kolonna intestata *‘Isem u kunjom’* ghar-rigward ta’ *‘Missier it-tarbija’*, u minfloku jiddahhal l-isem *‘S T’*;

(c) jigu kancellati n-numri 0140777 ittra M mill-kolonna intestata *‘Id-Dokument ta’ l-Identita’* ta’ *‘Missier it-Tarbija’*, u minflokhom jitnizzlu n-numri 0322472 ittra M;

(d) jigi kancellat in-numru 34 mill-kolonna intestata *‘Eta’* ta’ *‘Missier it-Tarbija’*, u minflokhom jitnizzel in-numru 39;

(e) jigu kancellati l-kelmiet *‘Alfred D (Alive)’* mill-kolonna intestata *‘Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet’* ghar-rigward ta’ *‘Missier it-Tarbija’*, u minflokhom jiddahhlu l-kelmiet *‘Francis T (Alive)’*;

u dawk il-korrezzjonijiet, zidiet u/jew annotazzjonijiet ohra li din il-Qorti jidhrulha opportuni sabiex il-konnotati tal-konvenut C D ma jibqghux jidhru fl-istess att tat-twelid u minflokhom jiddahhlu l-konnotati tal-konvenut l-iehor S T.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li *in forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illi fuq il-mertu b’mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri L, l-esponent naturalment m’huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f’isimha proprju trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal- minuri L, kellha relazzjoni intima ma’ l-intimat S T;

3. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt tegħleb il-presunzjoni legali

maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri L ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha li jġib in-numru ta' skrizzjoni 1174 tas-sena 2012;

4. Illi dejjem bla ħsara għal dak fuq premess, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-istess S T sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) il-post tat-twelid tiegħu meta twieldet il-minuri L u (2) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmija minuri. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita L;

5. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attrici ghal bdil fic-certifikat tal-minuri L stante li hija tikkontendi li ghalkemm l-imsemmija minuri twieldet biss wara tlett xhur u nofs mill-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejnha u l-intimat C D u konsegwentement, l-imsemmija

minuri giet imnizzla bhala l-wild naturali tal-istess intimat C D, fil-fatt, l-istess minuri hija l-wild naturali tal-intimat l-iehor S T u ghalhekk l-attrici talbet lil din il-qorti sabiex tordna l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri sabiex dan jigi mibdul fis-sens li fil-kolonna relattiva tal-missier tal-imsemmija tarbija jigi mnizzla l-konnotati kollha tal-intimat S T minflok dawk tal-intimat C D.

**Il-Verzjoni Attrici**

L-attrici tghid li hija zzewget lill-intimat C D nhar l-14 ta' Awwissu 2004 u frott ta' dan iz-zwieg twieldet Erika D. Fi Frar 2011 tghid li qabdet lil zewgha f'relazzjoni bl-internet ma' mara barranija u dak inhar stess ippakkjat hwejjigha u telqet mid-dar. Wara dakinhar qatt ma regghet ghexet mal-intimat zewgha u qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi aktar. Wara xahrejn minn mindu telqet mid-dar, l-attrici bdiet relazzjoni mal-intimat S T u f'Lulju 2011 skopriet li kienet tqila minnu. Mat-twelid tal-minuri fi Frar 2012, l-attrici kienet ilha separata minn zewgha (de facto) ghal aktar minn sena, izda minhabba l-fatt li l-minuri twieldet biss ftit xhur wara li gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejnha u l-intimat C D, ic-certifikat tat-twelid tal-minuri kellu necessarjament jindika lill-istess C D bhala l-missier tal-minuri meta l-attrici kienet certa li kien l-intimat l-iehor S T li huwa l-missier naturali tal-istess minuri.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Il-qorti tirrileva li l-minuri L D twieldet nhar it-22 ta' Frar 2012 u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid taghha esebit a fol 5 tal-process. *Stante* li l-attrici u l-intimat C D isseparaw legalment permezz ta' kuntratt pubbliku datat il-15 ta' Novembru 2011 fl-Atti tan-Nutar Dr. Ritienne Bugeja Fenech[1], u stante l-presunzjoni legali relatata mal-mizzewgin u z-zmien stabbilit u presunt ghat-twelid tat-trabi wara separazzjoni, l-intimat C D gie mnizzel bhala l-missier tal-imsemmija tarbija. Dan necessarjament ifisser li l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ma kellu ebda alternattiva ohra hlief li jnizzel lil din il-minuri bhala l-wild

[1] Esebit a fol 6 tal-process

naturali tal-attrici u l-intimat imsemmi. Min-naha taghha, r-rikorrenti tghid li mhux possibbli li l-intimat huwa missier il-minuri *stante* li huma kienu ilhom separati *de facto* minn Frar 2011, minn liema zmien l-attrici tikkontendi li qatt ma kien hemm relazzjonijiet intimi li setghu iwasslu ghat-twelid tal-minuri msemmija.

L-intimat S T min-naha tieghu jammetti t-talbiet attrici u konsegwentement jammetti li l-minuri L hija l-wild naturali tieghu. Permezz tal-affidavit tieghu[2] ikompli jikkonferma li l-minuri hija t-tifla tieghu.

L-intimat C D ukoll jammetti t-talbiet tal-attrici u konsegwentement jiddikjara li l-minuri L m'hijiex il-wild naturali tieghu kif inhu mnizzel fuq ic-certifikat tat-twelid taghha.

L-attrici tipprezenta wkoll l-affidavit ta' ommha Josephine B[3] li min-naha tikkonferma wkoll li bintha telqet mid-dar matrimonjali fi Frar 2011. Tghid li sa' fejn taf hi, wara li telqet lil zewgha, l-attrici bintha qatt ma regghet ghexet jew raqdet mar-ragel taghha.

Il-qorti tirrileva li l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku jduru kollha fuq il-mertu tal-kaz odjern u cioe' jekk l-attrici rnexxilhiex taghti prova sal-livell rikjest mill-ligi li c-certifikat tal-minuri ma jirriflettix il-verita u konsegwentement, rnexxilhiex tissorpassa u teghleb il-presuzjonijiet legali msemmija minnu stess. Naturalment, tali prova tista' facilment u bl-aktar mod kategoriku tingieb permezz ta' DNA test li huwa meqjus bhala l-prova regina f'dawn it-tip ta' kawzi. Il-qorti taghmel referenza ghad-DNA test esebit in atti[4] li juri bhala stat ta' fatt li l-missier naturali tal-minuri L huwa proprju S T u mhux C D.

Min-naha l-ohra, il-qorti tirrileva wkoll li fic-cirkustanzi, stante li huwa cert anke b'mod xjentifiku li l-intimat C D m'huwiex il-missier tal-imsemmija tarbija, huwa fl-ahjar interessi tal-istess minuri li ghall-anqas ic-certifikat tat-

[2] Esebit a fol 56 tal-process
[3] Esebit a fol 55 tal-process
[4] Ara a fol 11 tal-process

twelid taghha ma jkunx jindika persuna li huwa missierha meta huwa evidenti li dan mhuwiex missierha.

Illi in vista ta' dak suespost u in vista tad-*DNA test* li ma jhalli ebda ombra ta' dubju dwar il-paternita' tal-istess minuri, din il-qorti hija konvinta li jezistu dawk l-elementi necessarji sabiex jinghelbu l-presunzjonijiet legali tal-ligi sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid tal-minuri hekk kif mitlub.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tiddikjara li l-intimata L D li twieldet lill-attrici A B nhar it-22 ta' Frar 2012 fl-isptar Mater Dei m'hijiex il-wild naturali tal-intimat C D izda l-wild naturali tal-intimat S T;

(2) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-intimata L D hekk kif mitlub u dan billi:

(a) jigi kancellat il-kunjom 'D' mill-kolonna intestata 'Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' u minfloku jitnizzel T;

(b) jigi kancellat l-istes 'C D' mill-kolonna intestata 'Isem u Kunjom' ghar-rigward ta' 'Missier it-Tarbija' u minfloku jiddahhal l-istess 'S T';

(c) jigu kancellati n-numri 0140777 ittra M mill-kolonna intestata 'Id-Dokument tal-Identita' ta' 'Missier it-Tarbija' u minflokhom jitnizzlu n-numri 0322472 ittra M;

(d) jigi kancellat in-numru 34 mill-kolonnna intestata 'Eta' ta' Missier it-Tarbija' u minflohom jitnizzel in-numru 39;

(e) jigu kancellati l-kelmiet 'Alfred D (Alive) mill-kolonna intestata 'Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet' ghar-rigward ta' 'Missier it-Tarbija' u minflokhom jiddahhlu l-konnotati tal-intimat S T.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------